MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Numru 1048/2003

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)

vs

Kenneth Ellul

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identità numru 444374M, akkuzat talli:

1. f’dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta’ Jannar 2002 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggett gie minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija;

2. f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, kiser il-provvediment tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li fit-2 ta' Mejju 2001 gie moghti b'sentenza tal-Qorti ta' Malta l-liberta' bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fil-perjodu ta' tmintax-il xahar, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
3. f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom trasmetta lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiggudika l-imputat dwar il-htija jew nuqqas taghha;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza ssir sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Fir-rinviju tieghu (folio 86) l-Avukat Generali jadduci r-reati li bihom l-imputat gie rimandat sabiex joqghod ghall-gudizzju. Issa f'din il-kawza li bidet quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-2004 ma sar prattikament xejn. Fiha xehed l-ufficjal prosekutur, id-derubat u s-Surgent 162 bhala xhud tal-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-imputat fl-1 ta' Jannar 2002. Din l-istqarrija flimkien ma' ohra mehuda jumejn wara gew esebiti mill-Ufficjal Prosekutur fil-kors tax-xhieda tieghu u jinsabu a folio 17 et seq. Mill-bqija la gie esebit l-proces verbal tal-inkjesta relata mas-serq ta' telefons cellulari, u lanqas gew esebiti xi sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat in sostenn tar-rekwiziti (b) u (c) jew ukoll (d) tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Ghalhekk mill-provi in atti huwa biss ir-rekwizit (a) li huwa sostenibbli kontra l-imputat li huwa ppruvat anka

sempliciment mill-ewwel stqarrija tieghu, ghalkemm, ghandu jinghad, li l-prova hija emarginata ghar-ricettazzjoni minghajr l-aggravju tar-reat kontinwat. Fil-konfront tar-ricettazzjoni m’ghandu ikun hemm ebda dubbju li l-imputat ghandu jinstab hati tieghu skond il-parametri tal-Artikolu 334(a) tal-Kap 9 li jipprovdi ‘inter alia’ li: “Kull min f’Malta xjentement jilqa’ ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa...jehel, meta jinsab hati – (a) jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skond il-valur tal-haga”.

Fil-kaz in meritu l-imputat fl-ewwel stqarrija tieghu jistqarr li huwa kien akkwista bi ftit flus telefon cellulari wiehed minn bosta li kienu nsterqu minn terzi, mhux l-imputat, bi ftit flus u bhala rikonoxximent talli ha lill-presunt halliel l-Fgura wara li dan ta’ l-ahhar kien talbu passagg. Jistqarr l-imputat però li kif waslu u inghata c-cellulari fost numru li kienu fil-pussess tal-presunt halliel basar li c-cellulari li nghata kellu provenjenza illecita. Issa l-piena hija determinabbli “skond il-valur tal-haga” u f’dan il-kuntest il-Qorti ma tistax tghid x’kien il-valur u mhux biss ghaliex l-oggett ma giex esebit izda ghaliex l-unika xhud li jirreferi ghall-valur u d-derubat li in propozitu jghid li l-valur globali tat-telefons cellulari li nsterqu kien jissupera l-elf Lira Maltin izda li individwalment kull telefon kien jiswa ‘bejn wiehed u iehor xi mitt Lira [maltin] jew izjed’. Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, fuq l-iskorta ta’ din il-prova tal-valur l-aggravju ma reggiex u kwindi l-valur hu ekwiparabbli ghal dak ta’ serq semplici. Dan huwa punibbli b’massimu ta’ sitt xhur u minimu ta’ xahar prigunerija.

Fic-cirkostanzi tal-provi ferm skarsi f’dan il-kaz il-Qorti mhiex tal-fehma li jkun hemm kundanna ta’ habs. Stante li mhux prekluza li tadotta l-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghdha filwaqt li ssib l-imputat hati ta’ ricettazzjoni u wara li rat l-Artikolu 334(a), 49 u 50 tal-Kap 9, u l-Artikolu 7, 21 u 23 tal-Kap 446 tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------